# 113. Cologne 1951 *

Jonfoħ ir-riħ …
weraq safrana mxerrda fuq il-ħerba;
bandiera kbira tal-ħakkiem barrani
tperper miftuħa …

Weraq safrana niexfa tal-ħarifa,
u tifkiriet imnikkta tal-imgħoddi:
ġemgħat ta' poplu li jiftaħar l' huwa
razza fuq ir-razez,
qtil ta' Lhud,
stat magħmul Alla
ir-ragħad tat-trenijiet mimlija truppi
minn fuq ir-Rhine,
stati mwaqqgħin bħall-karti tal-logħob,
u ħolma kbira
tal-ħakma tad-dinja,
Deutschland uber alles,
Heil Hitler!

Weraq safrana,
siġar skeletri,
u bruġ ta' fdalijiet bil-mejtin taħthom,
travi mgħawġin, u pontijiet imwaqqa',
bankini mkissra,
triqat imħarrbta …

U qtiegħ il-qalb,
u ġuħ, nuqqas ta' flus u xogħol;
iskot, ja riħ, tperpirx dik il-bandiera …

U f'nofs il-ħerba
il-kattidral sabiħ daqs biċċa ġenna
li waqgħet fl-art,
- miraklu ħaj, -
igħajjat
"Jien biss il-verità u mhux il-gwerra:
Indiema,
Maħfra,
Tama!"

** Cologne hija belt antika tal-Ġermanja fuq ix-xmara Rhine. Ibbumbardjata bl-aħrax ma' tul it-Tieni Gwerra Dinjija minnha ma kien fadal ftit jew xejn meta l-kittieb żarha fl-1951, ħlief il-Kattidral, wieħed mill-isbaħ kattidrali gotki.*